



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9496/24
COR 1

LIMITE

CORLX 458
CFSP/PESC 666
RELEX 591
COEST 271
FIN 408

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/... dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja

Fil-paġna 16 fl-Anness, l-entrata 16

Minflok:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
"16.	Sergey VOROBYOV (Сергей ВОРОБЬЕВ)	Pożizzjoni: Prosekurur tal-Istat	Bħala prosekurur fil-kawża politikament motivata kontra d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem prominenti Oleg Orlov, Sergey Vorobyov talab li Oleg Orlov jiġi kkundannat sentejn u ħdax-il xahar ġabs, filwaqt li argumenta li l-artiklu ta' Orlov kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kien immotivat minn "ostilità ideoloġika u mibegħda". Oleg Orlov, li għandu 70 sena, huwa wieħed mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-aktar rispettati u li ilu jagħmel dan ix-xogħol fir-Russja, wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni Memorial Human Rights Defence Center (HRDC "Memorial") li rebbet il-Premju Nobel għall-Paċi fl-2022, li ġiet likwidata bħala parti mir-repressjoni sistematika u fuq skala kbira tal-libertajiet tal-espressjoni, l-ġhaqda paċċifika u l-assoċjazzjoni fir-Russja. Oleg Orlov ġie akkużat u kkundannat li allegatament "skredita" l-armata Russa wara li ppubblika artiklu ta' opinjoni fil-midja Franċiża kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Sergey Vorobyov huwa responsabbli għal-ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	++

++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implantazzjoni.

aqra:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"16.	<u>Olesya Yurievna VOROBYOVA</u> <u>(Олеся Юрьевна ВОРОБЬЕВА)</u>	Pożizzjoni: Prosekutur tal-Istat <u>Data tat-Tweliż: 4.6.1981</u>	Bħala prosekutur fil-kawża politikament motivata kontra d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem prominenti <u>Oleg Orlov</u> , <u>Olesya Yurievna Vorobyova talbet li Oleg Orlov jiġi kkundannat sentejn u ħdax-il xahar ħabs, filwaqt li <u>argumentat li l-artiklu ta' Orlov kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kien immotivat minn "ostilità ideoloġika u mibegħda". Oleg Orlov, li għandu 70 sena, huwa wieħed mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-aktar rispettati u li ilu jagħmel dan ix-xogħol fir-Russja, wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni Memorial Human Rights Defence Center (HRDC "Memorial") li rebħet il-Premju Nobel għall-Paċi fl-2022, li ġiet likwidata bħala parti mir-repressjoni sistematika u fuq skala kbira tal-libertajiet tal-espressjoni, l-għaqda paċifika u l-assoċjazzjoni fir-Russja. Oleg Orlov ġie akkużat u kkundannat li allegatament "skredita" l-armata Russa wara li ppubblika artiklu ta' opinjoni fil-midja Franciżha kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</u> <u>Għaldaqstant, Olesya Yurievna Vorobyova hija responsabbi għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.</u></u>	++"

++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implantazzjoni.